# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, il-Ħamis, 3 ta' Ġunju, 2021

**Numru 24**

**Rikors Numru 265/21 TA**

**Ballut Blocks Services Limited (C-8360)**

**vs**

**Angelo Bilocca (ID: 556978M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Ballut Blocks Services Limited (is-Soċjeta` Attriċi) tas-26 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi s-soċjeta` attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, seba' mija u tmienja u sittin ewro u disgħin ċenteżmu (€54,768.91) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini inkluż *concrete blocks u concrete* mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lill-konvenut is-soċjeta` attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, u dana kif irriżulta mill-anness statement (Dok. 'BBS 1') u *Invoices* relattivi hawn annessi (Dok. 'BBS 2');

2. Illi għalkemm il-konvenut ġie interpellat ripetutament sabiex iħallas l-imsemmi ammont, hu baqa' inadempjenti u ma ħallasx;

3. Illi dawn il-fatti huma magħrufa personalment, lill-esponenti;

4. Illi l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq għat-talbiet tas-soċjeta` rikorrenti.

5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta` attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:-

1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ għall-finijiet tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi s-soċjeta` attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, seba' mija u tmienja u sittin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€54,768.91) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini inkluż *concrete blocks u concrete* mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lill-konvenut mis-soċjeta` attriċi fuq inkarigu tal-konvenut, u dana kif jirriżulta mill-anness statement (Dok. 'BBS 1') u *Invoices* relattivi hawn annessi (Dok. 'BBS 2');

3. Konsegwentement, tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi l-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, seba' mija u tmienja u sittin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€54,768.91).

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' Awwissu 2020, oltre l-imgħax legali b'effett mid-data ta' meta l-ammont kien dovut, kontra l-konvenut li hu minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu."

Rat li din hija kawża bil-proċedura sommarja speċjali fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artiklu 167 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;

Rat li Angelo Bilocca (il-konvenut) notifikat kif trid il-liġi baqa' ma deherx quddiem din il-Qorti;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża;

Semgħet lir-rappresentant tas-Soċjeta' Attriċi Paul Vella jikkonferma bil-ġurament fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2021 li l-ammont reklamat f'dawn il-proċeduri għadu dovut;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum bid-dispensa tas-smiegħ kif trid il-liġi.

**Konsiderazzjonijiet**

Kif ingħad din hija kawża bil-proċedura speċjali sommarja. Ġaladarba li l-konvenut deherlu li ma għandux jidher biex għid jekk din il-Kawża għandhiex tibqa' tinstema' sommarjament, il-Qorti hija tenuta li tilqa' it-talbiet Attriċi. Di piu' din il-Qorti hija sodisfatta li ġew osservati d-dettami tal-liġi biex din il-Kawża tinqata' b'mod sommarju u sodisfatta ukoll li l-ammont mitlub huwa tassew dovut. Bħala imgħaxijiet il-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni li din hija obbligazzjoni kummerċjali. Pero' fiċ-ċirkostanzi stante li l-ammont kollu mitlub jirrisulta mid-dokument datat 15 ta' Jannar 2021, huma minn data li ser jingħataw l-imgħaxijiet (ara a' fol15).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qegħdha taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa'** l-ewwel talba.

**Tilqa'** it-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi li s-Soċjeta' Attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fl-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, seba' mija u tmienja u sittin

ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€54,768.91) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal tal-bini inkluż *concrete blocks u concrete* mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lill-konvenut mis-soċjeta` attriċi fuq inkarigu tal-konvenut.

**Tilqa'** it-tielet talba u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi l-ammont ta' erbgħa u ħamsin elf, seba' mija u tmienja u sittin ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu (€54,768.91).

Bl-ispejjes inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 13 ta' Awwissu 2020 u bl-imgħaxijiet legali mill-15 ta' Jannar 2021 sal-pagament effettiv.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**